MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Numru 712/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**OMISSIS**
**LUKE SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ADAM CASSANO** ta' sittax il-sena bin Mario Cassano u Brenda nee Marsh, imwieled l-Ingilterra nhar t-tlettax ta' Frar 1987 u joqghod 4, Swift Flats, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 125302L u **LUKE SPITERI** ta' hmistax il-sena bin Mario Borg u Carol nee Spiteri, imwieled Pieta nhar l-hmistax ta' April 1988 u residenti 6, Zephyr Flats, Triq il-Vitorja l-Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 196088M gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2003, ghall-habta tal-hamsa w nofs t'a filghaxija ikkommettew serq ta' handbag li kien jikkontjeni diversi accessorji ohra mill-post maghruf bhala 'Shingles Beach', Triq Spinola, San Giljan, ghad-dannu ta' Graziella Francalanza minn Tas Sliema u Jonathan Farrugia minn San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-valur;

Rat s-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti nhar l-erbgha ta' Novembru 2003 [fol 79] fejn l-imputat **LUKE SPITERI kien gie misjub hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-valur kif ammessa minnu stess w ordnat li jitpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. Ghandu, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. Illi l-imputat probationer Luke Spiteri ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievi zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedi;**
**3. Illi l-imputat probationer Luke Spiteri ghandu jghix fir-residenza li jsiblu l-Ufficjal tal-Probation tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkun jista jbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess ufficjal tal-Probation;**
**4. Illi l-imputat probationer Luke Spiteri ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

Illi nhar t-tlieta ta' Mejju 2005 l-Probation Officer Victoria Grech ppresentat nota fir-Registru ta' din il-Qorti nota li biha infurmat lil Qorti li l-imsemmi Luke Spiteri naqas milli jzomm ruhu f'kuntatt maghha skond d-direttivi lilu moghtija u naqas wkoll milli jirrispetta l-ordnijiet taghha liema ordnijiet gew imposti fuqu bl-intenzjoni li hu jtejjeb l-kwalita tal-hajja tieghu.

Rat d-digriet taghha tat-tlieta ta' Mejju 2005 fejn ordnat li l-imputat probationer jigi notifikat bin-nota tal-Ufficjal tal-Probation u appuntat din n-nota ghas-smiegh ghal nhar t-Tnejn, sittax ta' Mejju 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sittax ta' Mejju 2005 deher l-imputat probationer Luke Spiteri li ha konjizzjoni tan-nota tal-Probation Officer w iddikjara li ma kellux ghalfejn jixhed f'dawn il-proceduri jew li jkun assistit minn Avukat Difensur.

Illi dakinhar stess tas-sittax ta' Mejju 2005, **xehdet l-Probation Officer Victoria Grech** fejn ikkonfermat li hija giet nominata bhala Probation Officer tal-imputat Luke Spiteri b'sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fl-erbgha ta' Novembru 2003 u li in segwitu ressqet lil istess Luke Spiteri diversi drabi quddiem din il-Qorti ghaliex ma kienx qed izomm in line mal-ordni tal-probation li giet moghtija lilu.

Spjegat li bl-intervent taghha u ta' xi membri tal-Agenzija Appogg, l-imputat spicca l-iskola, izda minn meta spicca l-iskola 'l hawn, Luke Spiteri tilef kull sens ta' direzzjoni. L-imputat probationer wera ndecizjoni fid-diversi possibilitajiet u apportunitajiet li nghata, ma jridtx jahdem u sahansitra dan l-ahhar anke kellu xi jghid ma omu u spicca telaq mid-dar u ghadda tnax il-gurnata mistohbi bla hadd ma jaf fejn kien qieghed jirrisjedi, tant li ommu spiccat ressqet rapport l-Ghassa li kien nieqes u kien ghalhekk li ghamlet d-denunzja 'n kwistjoni.

Illi wara li saret d-denunzja 'n kwistjoni, l-imputat probationer dehrlu li kellu jaghmel kuntatt gdid ma l-

Ufficjal tal-Probation. Hija ressqitu l-Qorti u kien gie deciz li hu jkollu monitoring aktar mill-vicin fis-sens li jingieb quddiem il-Qorti darba kull tlett gimghat sabiex jigi registrat l-progress li wiehed kien qed jistenna minnu. Dan nonostante li kien jaf li s-sitwazzjoni tieghu kienet wahda prekarja, xorta dehrlu li ma kellux jaderixxi ruhu mal-ordnijiet li kienu qed jinghatawlu u fil-fatt fit-tnejn ta' Mejju 2005, il-Probation Officer dehret il-Qorti wahedha. Sar wkoll ftehim mas-Social Worker Charlene Vassallo sabiex flimkien imorru ghand l-Psikjatra izda Luke Spiteri qabad u ma marx.

Illi nhar s-sittax ta' Mejju 2005 **xehdet Charlene Vassallo s-Social Worker** li kienet qed tiehu hsieb lil imsemmi Luke Spiteri bil-ghan li ssiblu impjieg. Ikkonferma li sabitha difficili tikkomunika mieghu w in oltre, li darba minnhom kellu appuntament maghha bil-ghan li jmorru ghand l-Psikjatra w ikkonfermat wkoll li dan naqas li jzomm l-appuntament tieghu.

Illi l-imputat probationer Luke Spiteri ghazel li ma jixhedx f'dawn il-proceduri kif iddikjara fis-seduta tas-sittax ta' Mejju 2005.

Illi l-**artikolu 21(2) tal-Kap 466 jipprovdi** dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation billi jiddisponi is-segwenti:

*"Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation ikun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … <u>jew</u> tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, <u>b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat</u>."*

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tal-erbgha ta' Novembru 2003 kienet illimitat ruhha ghal ordni tal-probation biss u ma kienetx ikkundannat lill-imputat ghal xi piena ohra. Jigifieri f'dik is-sentenza din il-Qorti kienet ttrattat mal-hati billi poggietu taht probation

order biss u ghalhekk thoss f'dawn ic-cirkostanzi hi ghandha titratta mal-imputat probationer mill-gdid daqs li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn din il-Qorti ghal dak ir-reat ta' serq aggravat bil-valur, illum seduta stante.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 21(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rinfaccata bil-ksur tal-kondizzjonijiet ta' ordni tal-probation da parti tal-imputat probationer LUKE SPITERI din il-Qorti qieghda titratta mal-imputat mill-gdid.

Illi skond l-artikolu 279(a) l-piena applikabbli ghas-serq ikkwalifikat bil-valur, hija ta' prigunerija minn hames xhur sa tlett snin.

Issa, f'dan il-kaz l-imputat probationer Luke Spiteri kien ghadu minorenni meta kkommetta r-reat in kwistjoni u kellu biss hmistax il-sena u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 37tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena applikabbli ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

F'dan il-kaz, il-Qorti thoss li ghandha tnaqqas il-piena bi grad wiehed biss ghaliex l-imputat diga nghata cans mill-Qorti sabiex jigi evitat dan t-tip ta' piena ta' prigunerija u m'gharafx jizufruwixxi ruhu minnha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 31, 37, 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lil imputat probationer LUKE SPITERI hati tar-reat ta' serq aggravat bil-valur u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erbgha xhur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------